# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 9**

**Citaz. Nru. 2459/96GV**

Doc. 128-01

**Paul Gauci**

**vs**

**Sand and Gravel Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attur fit-30 t'Ottubru, 1995 waqt li kien qed jahdem fil-barriera tas-socjeta' konvenuta f'Wied Incita, limiti ta' H'Attard, fuq magna ta' l-istess impjant, huwa wegga gravament u sofra dizabilita' permanenti u danni ohra rizultanti mill-istess incident;

Premess li dan l-incident gara minhabba tort, negligenza, traskuragni, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, nuqqas ta' tehid ta' prekawzjonijiet da parti tal-istess socjeta' konvenuta, kif ukoll minhabba nuqqas ta' idonjeta' tal-istess magni u impjant;

L-attur talab lil din il-Qorti biex:

1 tiddikjara lill-istess socjeta’ konvenuta unikament responsabbli ghall-incident fuq referit tat-30 t’Ottubru, 1995 u tad-danni rizultanti;

2 tillikwida d-danni li sofra l-attur jekk hemm bzon permezz ta’ periti nominati minn din il-Qorti;

3 tikkundanna lill-istess socjeta’ konvenuta li thallas lill-attur id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez inkluza t-taxxa tal-vat kontra’ s-socjeta’ konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta a fol. 5 tal-process fejn eccepiet:

1 illi s-socjeta’ eccipjenti ma kienet bl-ebda mod la direttament, u lanqas indirettament, responsabbli ghall-incident imsemmi fic-Citazzjoni attrici, liema incident sehh unikament bhala rizultat dirett ta’ agir da parti ta’ l-istess attur, liema agir kien ghal kollox *estraneu* mill-mansjonijiet ta’ l-impjieg ta’ l-istess attur, u dan kif jista’ jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2 illi jsegwi lli ma hemm l-ebda danni x’jigu likwidati favur l-attur, fil-konfront tas-socjeta’ eccipjenti;

3 illi jsegwi wkoll illi s-socjeta' eccipjenti ma ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ebda danni lill-attur;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol. 59 li bih gie nominat l-espert mediku Mr.Charles Grixti;

Rat ir-rapport ta' l-espert a fol. 63;

Zammet access fuq il-post ta' l-incident;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**TALBA**

L-attur qed jitlob li dina l-Qorti tiddikjara lill-konvenuti responsabbili tal-incident tat-30 ta' Ottubru, 1995 li fih korra l-attur u ghad-danni rizultanti; tillikwida d-danni sofferti mill-attur jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi; tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew li huma ma kienu bl-ebda mod la direttament u lanqas indirettament responsabbli ghall-incident imsemmi fic-citazzjoni billi l-incident

sehh unikament b’rizultat dirett ta’ l-agir da parti ta’ l-istess attur, liema agir kien ghal kollox *estraneu* mill-mansjonijiet ta’ l-impieg ta’ l-attur.

**PROVI**

**L-attur** xehed li kien gie impjegat biex jahdem mal-konvenuti bhala *driver* ta’ *truck* fil-barriera izda fil-fatt qatt ma hadem hekk, izda tefghuh fuq magna/*crusher* ghax qalulu li t-*truck* kien bil-hsara. Kien ilu jahdem gimghatejn meta korra. Kellu wiehed jghallmu izda fejn wegga’ ma kienux ghurewh x’ghandu jaghmel. Dak in-nhar ma kellhomx x’jaghmlu u kienu qed inaddfu l-kamra ta’ li *switches*. Kien hemm is-*supervisor*, Joe Aquilina, u qallu biex jaqbad hadida u jghinu jnaddaf r-rombli, ghalkemm hadd ma kien ghallmu kif. Beda jnaddaf ir-rombli u wara ftit Joe telaq u hallih wahdu.

Hu u jnaddaf ir-rombli, l-hadida dahlet bejnithom, dahlitlu f’idu fil-pala u fethitielu u fethitlu subajh tal-lemin ukoll. Beda jghajjat ghall-ghajjut izda dak il-hin hadd ma rrispondih. Qabad idejh b’idu tax-xellug u gibidha ‘l barra. Haditlu idejh tax-xellug ukoll u idejh it-tnejn spiccaw bejn ir-rombli. Hu u jdawwar idu biex johroghom il-magna haditlu s-subgha ‘l kbir tax-xellug. Dak il-hin kienu ghaddejin haddiema u gew jaghtuh l-ghajjut. Imbaghad haduh l-isptar u ghamel gurnata hemm.

Fuq kontroezami qal li l-magna ma kelliex *guards*. Joe Aquilina kien qed inaddaf il-*crusher* bil-magna mixghula u meta beda jnaddaf il-magna dina kienet ghadha mixghula. Dik kienet l-ewwel darba li hadem fuq ir-rombli u lilu hadd ma kien ghurih kif inaddaf ir-rombli.

**Gaetano Gauci** xehed li kien jahdem mal-konvenuti bhala *machine operator*. Hu kien sab lill-attur biex jahdem bhala *driver* izda qatt ma haddmuh hekk imma fuq

magna fejn kien jahdem huwa. Kienu jahdmu erba fuq dina l-magna izda gieli kien ikun hemm wiehed biss. L-attur kien fejn il-*conveyor belt* biex jara li fejn jehel il-gebel, inaddaf. Il-kontrolli ta' dina l-magna qeghdin f'kamra fejn hemm li *switches*. Kien hemm persuna inkarigata, mhux l-attur, li kienet qed tiehu hsieb tixghel u twaqqaf il-magna. Hin minnhom gie xi hadd u qallu li l-attur kien wegga' ghax minn fejn kien ma setghax jarah. Fil-parti fejn kien l-attur ma kienx hemm *guards* fil-magna. Qabel kien hemm persuni ohra li kienu wegghu fuq dina l-magna. Lilhom ma kienux tawhom struzzjonijiet kif ihaddmu l-magna. Xoghol l-attur kien li jiccekkja li l-materjal jghaddi sew u jekk jinqala xi haga jghidilhom biex iwaqqfu l-magna. Ma jafx jekk biex tnaddaf il-hmieg li jehel fil-magna tridx twaqqaf il-magna jew le.

**Emmanuel Aquilina** xehed li hu wiehed mid-diretturi tas-socjeta' konvenuta. Meta l-attur korra dan kien ghadu fuq *probation* u kien impjegah il-*foreman* Joe Aquilina. Meta l-attur korra hu lanqas kien jaf li dan kien impjegat mal-kumpanija. L-attur kien impjegat bhala *attendant* fil-*Control Room* fil-barriera, li hi kamra kollha *switches* li minnha tigi regolata parti kbira mill-impjant. Din qeda xi 4/5 sulari fuq il-*conveyor belts* fil-barriera. L-inkarigu specifiku ta' l-attur kien li jissorvelja mill-*control room* il-materjal li jitla' fuq il-*conveyor belts*, li jara li kollox ikun ghaddej sew, biex fil-kaz li tinqala' xi problema huwa jkun pront li jitfi s-*switch* tal-*conveyor belt* u jinforma lill-*foreman*. Imbaghad kien ikun il-*foreman* li jattendi direttament ghall-problema. Minhabba f'hekk il-*conveyor belt* ma jistax ikollu *guard* madwaru. Ix-xoghol ta' l-attur ma kienx jinvolvi kuntatt dirett mal-*conveyor belt* u ghalhekk il-presenza tieghu hemmhekk ma kinitx rikjesta. Xogholu ma kienx li jaqla' l-materjal mir-romblu. L-incident ma kienx rah pero' jaf li l-incident gara ghax l-attur kien ra xi tajn fir-romblu u mar jaqalghu b'bicca hadida waqt li l-magna kienet qed tahdem. Minflok tefa' l-magna u nforma l-*foreman* bil-problema, hu halla l-magna mixghula u resaq direttament lejn il-*conveyor belt*. Is-*subordinate foreman* dak iz-zmien kien Nicholas Farrugia li kien prezenti meta

gara l-incident u kien ra kollox. L-attur ma kienx rega' dahal ghax-xoghol wara l-incident u baghqet tinhariglu l-paga izda l-attur ma kienx imur ghall-paga. L-attur ma kienx infurmahom qabel fetah il-kawza.

Fuq kontroezami qal li l-attur kien baghat ittra ufficjali qabel il-kawza u ghamel kawza kriminali ghall-hlas tal-paga. L-attur kien ilu xi erbat ijiem maghhom u ma kellux kuntratt. Kienu tawh *truck* pero ma kienx kapaci jsuqu. Xoghol l-attur ma kienx li jaqla' l-gebel waqt li l-magna tkun ghaddejja. Ma kinitx prattika taghhom li jnaddfu il-magna waqt li tkun ghaddejja.

**Joe Aquilina** xehed li hu impjegat bhala *foreman*, u kien impjega lill-attur bhala *Control Room Attendant*. Hu kien ilu impjegat maghhom madwar gimghatejn meta gara l-incident mertu tal-kawza. Hu kellu l-inkarigu specifiku li joqghod fil-*control room.* F'kaz li l-makkinarju jieqaf jew jiggamja l-attur kellu jitfi l-magna u jinfurmah bil-problema biex jattendi ghall problema. Hu kellu kompitu specifiku li fl-ebda hin ma jhalli l-*control room* u jmur fejn l-*conveyor belts* u l-makkinarju. Xi gurnata qabel l-incident Nicholas Farrugia kien infurmah li Gauci kien nizel fejn il-*crusher*. Hu kien tah *warning* u ordnalu biex ma johrogx mill-*control room*. Hu xoghol Nicholas Farrugia li jiehu hsieb l-andament tax-xoghol f'dina l-parti tal-*plant* meta hu jkun qed jattendi ghal xi xoghol f'xi parti ohra tal-barriera. Ghalhekk meta hu ma jkunx hemm, ix-xoghol tal-*control room attendant* jibqa' li joqghod fil-kamra. Dak in nhar fil-hin tal-incident hu kien in-naha l-ohra tal-barriera, ghalkemm mhux il-boghod hafna. Dak il-hin Farrugia kien qed jattendi ghall-makkinarju minfloku. Wara sar jaf minghand Farrugia, li kien prezenti dak il-hin, li Gauci kien ra xi tajn fir-romblu tal-*crusher* u kien mar jipprova jaqilghu b'bicca hadida waqt li r-romblu kien ghadu qed idur. Il-makkinarju biex jitnaddaf irid ikun wieqaf.

Fuq kontroezami wiegeb li kellhom tuzzana korrimenti, ghalkemm fl-affidavit kien beda biex qal li ma jiftakarx li qatt kellhom xi hadd li korra gravi daqs Gauci. Huh ukoll kien wegga' u il-magna haditlu parti minn idu. Hu qal li hemm *guards* kullimkien izda mhux fuq il-*conveyor belt* billi jkun ghaddej il-materjal. Il-*guard* tinsab mal-*pully*. Hu ma kienx impjega lil Gauci bhala *driver*. Qatt ma tah *truck* biex isuqu ghax ma kienx kapaci jsuq. Kien tah Landrover biex isuqu izda mal-ewwel wera li ma kienx kapaci jsuq. Hu ma kienx baghtu biex inaddaf Il-magni. Lanqas ma kien baghtu biex igib hadida biex inaddaf il-magna. Lanqas ma kien hallieh wahdu. Il-magni jridu jitwaqfu bilfors biex jitnaddfu ghax hemm perikolu kbir.

**Nicholas Farrugia** xehed li hu kien impjegat bhala *subordinate foreman*, direttament taht il-*foreman* Joe Aquilna. Hu kien jiehu struzzjonijiet minghandu u kien joqghod minfloku meta hu ma jkunx hemm. Hu kellu ordni specifiku mill-*foreman* li jiehu hsieb li mpjegati godda jiehdu l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex kollox jimxi sew fl-impjant. Xoghol Gauci kien li jibqa' fil-*Control Room*, li minnha seta' jittawwal ghal fuq il-makkinarju fil-barriera sabiex jiehu hsieb li jitfi li *switches* fil-kaz li tinqala' xi problema jew jehel xi wiehed mill-*conveyor belts*, il-*crusher* jew makkinarju iehor fil-barriera. Gauci ma kienx joqghod f'postu fil-*Control Room*. Xi gurnata qabel l-incident Gauci kien mar jaqla' xi gebel li kien wehel fl-*impact breaker*, u kien mar iwaqqfu u kien informa lill Joe Aquilina li qallu biex joqghodlu ghassa ghall-attur. Dak in nhar ta' l-incident Joe Aquilina kien wissa lill-attur u aktar tard kien gara l-incident. Dak il-hin tal-incident Joe Aquilina kien in-naha l-ohra tal-barriera.

Fuq kontroezami wiegeb li hu ma jafx xi tfisser *subordinate foreman* pero' meta ghamel l-affidavit kien qal lill-Avukat x'kien jaghmel xoghol. Meta gara l-incident hu kien qrib Gauci. Dak in-nhar il-*foreman* kien hemm ukoll. Fl-ebda hin ma tefa l-magna. Il-*foreman* kien qallu li xoghol l-attur kien fil-*control room* mas-*switches*.

## KONSIDERAZZJONIJIET DWAR RESPONSABILITA'

### Affidavits

Tibda' l-ewwelnett il-Qorti biex tirrileva li hemm bahar x'jaqsam bejn il-mod kif ix-xhieda prodotti mill-konvenuti kienu kapaci jixhdu *viva voce* u l-mod kif suppost xehedu meta saru l-affidavits. Dawn ma jhallu ebda dubju dwar minn kien wara dawn l-affidavits (ara l-istess lingwagg uzat fin-nota responsiva tas-socjeta' konvenuta). Sahanistra l-istess xhieda ma kienux jafu x'ifissru certi kliem suppost uzati minnhom fl-affidavit. Inoltre fihom diversi partijiet li fihom argumentazzjoni u mhux fatti, li m'humiex ammessibli bhala xhieda.

### Responsabilita'

Xoghol ta' l-attur

Il-partijiet mhux qed jaqblu dwar kif kien gie impjegat l-attur mas-socjeta' konvenuta u cioe' jekk hux bhala *truck driver* fil-barriera jew inkella bhala *Control Room Attendant*. Il-konvenuti qed jinsistu li l-attur kien impjegat bhala *control room attendant* u li hu qatt ma kellu jitlaq mill-*control room* u javvicina l-makkinarju u l-*conveyor belts*. Meta pero' Joe Aquilina gie kontroezaminat u mistoqsi jekk fil-fatt l-attur giex impjegat bhala *truck driver* dana wiegeb li kienu tawh Land Rover biex isuqu izda hu ddecieda li l-attur ma kienx jaf isuq. Inoltre fix-xiehda tieghu Gaetano Gauci qal li fuq talba ta' Joe Aquilina l-imghallem tieghu, hu kien sab lill-attur biex jahdem bhala *driver* mal-konvenuti izda dawn qatt ma haddmuh hekk imma tefghuh fuq magna fejn kien jahdem huwa.

Dwar x'xoghol kien jaghmel l-attur, l-istess xhud ikkonferma dak li sostna l-attur u cioe' li dan kien gie impjegat biex jahdem mal-konvenuti bhala ta' *truck* fil-barriera izda fil-fatt qatt ma hadem hekk ghax tefghuh fuq magna/*crusher* ghax qalulu li t-*truck* kien bil-hsara. Hu qal li xoghol l-attur kien li jiccekkja li l-materjal jghaddi sew u jekk jinqala xi haga jghidilhom biex iwaqqfu l-magna. L-attur kien jahdem mieghu fuq dina l-magna.

Dwar kif gara l-incident l-attur xehed li:

Dak in nhar ma kellhomx x'jaghmlu u kienu qed inaddfu l-kamra ta' li *switches.* Kien hemm is-*supervisor*, Joe Aquilina, li qallu biex jaqbad hadida u jghinu jnaddaf r-rombli, ghalkemm hadd ma kien ghallmu kif. Beda jnaddaf ir-rombli u wara ftit Joe telaq u hallih wahdu. Hu u jnaddaf ir-rombli, l-hadida dahlet bejnithom, dahlitlu f'idu fil-pala u fethitielu u fethitlu subghajh tal-lemin ukoll.

Skond l-attur, anke jekk il-Qorti kellha taccetta l-versjoni tal-konvenuti li hu kellu jibqa' fil-*control room* (fejn kien qed inaddaf li *switches)* bla ma jiccaqlaq, dak in-nhar hu kien gie ordnat mill-*foreman* Aquilina biex jghinu jnaddaf ir-romblu. Kien f'dik l-okkazzjoni li hu korra.

Il-*foreman* u *subordinate foreman* cahdu dak li qal l-attur u Gaetano Gauci. Joe Aquilina xehed u dan ikkonfermah Nicholas Farrugia li wara sar jaf minghand Farrugia, li kien prezenti dak il-hin, li Gauci kien ra xi tajn fir-romblu tal-*crusher* u kien mar jipprova jaqilghu b'bicca hadida waqt li r-romblu kien ghadu qed idur.

Minn kliem Farrugia jirrizulta li dak in-nhar Farrugia kien ra lill-attur qed inaddaf il-magna meta Gauci suppost kien erba sulari l-fuq fil-*control room.* X'kien qed jaghmel l-attur hdejn il-makna ? Ghaliex is-*subordinate foreman* li kien inkarigat

mill-magna halla lill-attur jersaq u jnaddaf il-magna ? Il-Qorti hi lesta li taccetta l-versjoni ta' l-attur li hija aktar attendibli u korroborata minn Gaetano Gauci li l-fatti graw kif qalu huma u mhux kif qed jigi michud mill-konvenuti. Kien dover tal-*foreman* u *subordinate* tieghu li jaraw li la l-attur u lanqas ebda persuna ohra mhux inkarigat, ma tersaq lejn il-*conveyor belt* u l-magna.

Perikolu

Kwantu ghal perikolu tax-xoghol li kien inkarigat jaghmel l-attur ma hemmx dubbju, kif wara kollox hu ammess mill-istess konvenuti. Dana indipendentement mill-kwistjoni tal-bzonn jew le li jkun hemm *guard* mal-*conveyor belt*. Inoltre jigi rilevat li la l-attur u lanqas Gaetano Gauci ma kienu nghataw struzzjonijiet kif ihaddmu l-magna.

Hu dmir ta' kull *employer* li jiggarantixxi "*a safe system of work*" fuq il-post tax-xoghol u dan l-obbligu huwa tal-*employer* u mhux tal-impjegat.

Kif ighid Charlesworth "*On Negligence*" p. 1036 pagna 622: - "*The duty of employers to provide the servant with a safe place of work was explained by Goddard L.J. to be:*

*"not merely to warn against unusual dangers known to them.... but also to make the place of employment.... as safe as the exercise of reasonable care would permit." "The duty is owed to each individual servant individually" (p. 1035).*

Charlesworth jghid ukoll (ibid. para. 1032) :-

*"In Wilsons & Clyde Coal Ltd. vs. English" the general nature of the duty owed by a master to a servant was described by Lord Wright as follows:-*

*"I think the whole course of authority consistently recognizes a duty which rests on the employer and which is personal to the employer, to take reasonable care for the safety of his workmen, whether the employer be an individual , a firm, or a company, and whether or not the employee takes any share in the conduct of the operations".*

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuti kienu unikament responsabbli ghall-incident li gara fit-30 ta' Ottubru, 1995 li fih korra l-attur u ghad-danni rizultanti.

**DIZABILITA'**

L-attur esebixxa rapport li kien ippreparat mill-Profs. Carmel Apap Bologna li jinsab ezibit a fol. 26/7 tal-process. Il-Profs. Ikkonkluda li

*"Taking all these physical and functional imperfections that have now resulted and that are bound to affect the working ability of a very young man, I rate his permanent disability at 15% of normal."*

Il-Qorti nnominat l-espert mediku Mr. Charles Grixti biex jezamina lill-attur u dana kkonkluda li:

"Gauci tilef part mit-tarf tas-subgha l-kbir tax-xellug bhala rizultat dirett ta' l-accident li kellu f'Ottubru, 1995 meta dan is-subgha gie maqbud fil-magna li qiegħed inaddaf waqt li din kienet ghada ghaddejja. Jiena nistma d-disabilita' li sofra Gauci bhala permanenti ta' 14%."

L-attur twieled fin-1976. Dak in-nhar tal-incident kellu 19 il-sena. Hu kellu paga gross ta' Lm55 fil-gimgha skond *pay slips* li ezebixxa a fol. 36 *et seq*.

**DANNI**

**Damnum Emergens**

Dwar danni u spejjez li l-attur attwalment sofra, ma gew ezibiti ebda dokumenti u ghalhekk ma jidhirx li l-attur qed jippretendi xi haga.

**Lucrum Cessans**

Dwar *lucrum cessans* jirrizulta mill-provi li l-attur kellu dsatax il-sena meta gara l-incident. Ghalkemm it-tendenza fis-sentenzi recenti ta' dawn il-Qrati hija li takkorda *multiplier* ghaz-zmien kollu li persuna jkun fadallha bhala *working life capacity*, dina l-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami ghandu jinghata massimu ta' 35 sena, biex tkopri l-incertezzi fil-futur ta' hajja lavorativa tieghu.

Kwantu ghal paga li kien qed jaqla' l-attur li kienet ta' Lm55 fil-gimgha *gross*, il-Qorti ser tibbaza l-kalkoli taghha fuq paga ta' Lm65 fil-gimgha biex tiehu wkoll in konsiderazzjoni zdidiet li fil-fatt kien jiehu l-attur fil-hajja lavorativa tieghu.

Dwar *lump sum payment* il-Qorti tirrileva li l-incident gara fin-1995 u dina s-sentenza fil-prima istanza ser tinghata 6 snin wara. Il-persentagg ta' 20% ghall-*lump sum payment* ser jigi b'12%.

**KALKOLU**

Il-*lucrum cessans* ghandu ghalhekk jigi kalkolat kif gej:-

| | | |
|---|---|---|
| Paga | Lm65 x 52 | Lm3,380 |
| Ghal 35 sena | 35 x Lm3,380 | Lm118,300 |
| 14% Disabilita’ | | Lm16,562 |
| 8% Lump Sum | | Lm15,327 |

**TOTAL Lm15,327**

**RIEPILOGU**

**Lucrum Cessan Lm15,327.00**

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tiddikjara lill-konvenuti responsabbili ghal-incident tat-30 ta’ Ottubru, 1995 li fih korra l-attur u ghad-danni rizultanti;

tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta’ Lm15,327;

tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghax li jibdew jiddekorru fuq l-ammont mid-data ta’ dina s-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**